MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-2 ta' April, 2008

Numru. 37/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Josric Mifsud**
v

**PAUL SULTANA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PAUL SULTANA**, ta’ tmienja w hamsin sena bin l-mejjet Joseph u l-mejta Georgia nee Camilleri, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar d-disgha w ghoxrin ta’ Jannar 1948 u residenti 65, Triq Parisott, Xaghra, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 11648G, gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. nhar l-ewwel ta’ Novembru 2006 ghal habta tal-ghaxra w nofs ta’ filghodu gewwa l-parking area ta’ Triq George Borg Olivier, Vittoria, b'nuqqas ta'

hsieb, bi traskuragni u/jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku waqt li kien qed isuq vettura tal-ghamla Chevrolet Kalos, bin-numru ta' registrazzjoni DBN 315, laqat u xehet mal-art lil Maria Attard w ikkagunalha feriti ta' natura gravi skond kif iccertifika Doctor Joseph Farrugia tal-isptar Generali ta' Ghawdex;

2. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza u traskurata.

3. talli meta sehh dan l-incident naqas li jieqaf, jaghti ismu w l-partikolaritajiet tieghu u/jew naqas milli javza minnufih lil Gwardjan Lokali u/jew lil Pulizija.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tordna l-iskwalifika tal-licenzja tal-imputat ghal perjodu ta' zmien li jidhrilha hekk xieraq.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat sebgha ta' Novembru 2006 esibit fl-atti a fol 8, sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tat-tnejn ta' Novembru 2006 [fol 4] li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-wiehed w ghoxrin ta' Jannar 2008

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti kif preseduta zammet access nhar d-dsatax ta' April 2007 fil-*car park* ta' wara l-Bus Terminus fejn sehh l-incident. Illi hemm setghet tikkonostata li l-incident sehh xi hmistax il-pied boghod mill-hajt ftit 'l fuq mill-kurvatura fejn hemm d-*disabled area*. Waqt l-access, l-

imputat, mistoqsi mill-Qorti jghid kif laqat lil Maria Attard bil-lemin u mhux bix-xellug, una volta hija kienet gejja mix-xellug, wiegeb li ma kienx f'posizzjoni jghid u qal li l-vittma lahqet ghaddiet minn quddiemu. Stqarr ukoll li hu baqa jsuq nonostante li hu ra lil vittma quddiemu bil-hsieb li jsib *parking*.

Meta Maria Attard, waqt l-access, giet mistoqsija mill-Qorti tispjega kif sehh l-incident, hi qalet li hi kienet xi hames piedi boghod mill-hajt tal-kurvatura u xi hames piedi 'l isfel mid-*disabled parking*. Hi kkonfermat li fil-*parking area* ma kienx hemm karozzi pparkjati u li l-imputat kien gej minn hdejn t-*terminus*, tela' t-telgha ta' fejn ikun hemm il-venda tal-frott, pero kien qed isuq vicin il-hajt. Qalet wkoll li l-imputat laqatha bir-rota ta' quddiem tal-lemin u m'indunax b'dan. Qalet li habtittlu mal-bieba u kienet il-mara tieghu, li kienet bil-qeghda fuq wara li attiratlu l-attenzjoni li hi kienet mahkuma taht il-*bumper*. Qalet li mad-daqqa remiha, waqghet mal-art u spiccat taht r-rota ta' quddiem w irnexxilha tiskappa meta l-imputat mexa lura u baqa' sejjer. Spjegat wkoll li l-imputat kaxkarha f'distanza qasira meta sieqha kienet ghadha maqbuda mal-karozza tieghu.

Illi nhar t-tmienja ta' Marzu 2007 **xehed Doctor Joseph Farrugia** [fol 29] fejn qal li jiftakar li nhar l-ewwel ta' Novembru 2006, hu kien ghassa fid-Dipartiment tal-Emergenza fl-isptar Generali t'Ghawdex meta dahlet certa Maria Attard detentrici tal-karta tal-identita numru 5986G w infurmatu li waqt li allegatament kienet qed taqsam xi triq, giet imtajjra minn karozza. Qal li meta ezaminha sab li kellha *depressed fracture in the latero condile of the right tibia*. Spjega li kellha wkoll *fragmented tibia* plateau li hi parti mill-*joint* tal-irkoppa. Qal li hu jikklassifika dawn il-griehi bhala ta' natura gravi. Qal li sussegwentement ghal dak li rriskontra waqt dan l-ezami mediku, hu cempel lil Orthopaedic Surgeon w il-pazjenta dahlet fil-*ward* fejn giet operata l-ghada t-tnejn ta' Novembru 2006 minn Mr. Aquilina.

Illi nhar t-tmienja ta' Marzu 2007 **xehed PS 261 Raymond Caruana** [fol 30] fejn qal li nhar l-ewwel ta' Novembru 2006, ghal habta tal-ghaxra w nofs ta' filghodu, kien gie

nfurmat li kien hemm incident tat-traffiku fil-parking area r-Rabat, Ghawdex w ghalhekk mar fuq il-post mill-ewwel. Qal li hemm sab mara li sussegwentement giet identifikata bhala Maria Attard, li sfat milquta minn karozza u mehuda l-isptar. Spjega li l-vettura li kienet allegatament laqtitha ma kienetx ghadha fuq il-post tal-incident. Zied jghid li hu mar ikellem lil istess Maria Attard l-isptar sabiex ikun jaf ezatt x'kien gara. Qal li pero lil imputat hu qatt ma kellmu dwar dan l-incident pero gie nfurmat li kien gie mitkellem mill-Ispettur aktar tard. Qal li m'ghandu ebda okkorrenza ta' dan l-incident ghaliex kienu komplew fuq dan il-kaz il-pulizija li dahlu *shift* warajh.

Illi nhar t-tmienja ta' Marzu 2007 **xehdet Maria Attard** [fol 31] fejn qalet li dakinhar tal-incident hi kienet miexja fil-*parking* tad-*disabled* li hemm r-Rabat, bil-*pushchair* quddiemha u fid-daqqa w il-hin giet karozza u tatha daqqa, imbuttat l-*pushchair* lil hinn u kaxkritha. Qalet li hi bdiet tghajjat biex il-persuna li tajjritha, tieqaf. Qalet li kien hemm xi hadd li beda jhabbattlu anke mal-bieba biex jieqaf u semghet mara tghid 'ieqaf ghax tajjartha' pero dan baqa' sejjer.

Spjegat li hi baqghet baxxuta mal-art tghajjat bl-ugiegh u sussegwentement cemplet lil zewgha u ttiehdet l-isptar. Qalet li bid-daqqa li hadet bil-quddiem tal-vettura hi zgiccat minn tahtha w il-karozza baqghet miexja ma gembha. Qalet li hi semghet lil mart l-imputat tghidlu jieqaf meta tajjarha pero hu baqa sejjer. Qalet li wara l-incident hi ma qamitx minn mal-art, gabaruha u haduha bl-ambulanza lejn l-isptar. Spjegat li l-*bumper* tal-karozza spicca fuq sieqha b'sieqha maqbuda fih u baqghet titkaxkar ghal xi tlett piedi. Ix-xhud ikkonfermat li l-persuna li tajjritha dakinhar tal-incident kien l-imputat presenti fl-awla ghaliex ratu wicc imb'wicc.

Illi nhar d-dsatax ta' April 2007 **xehed Alexander Farrugia** [fol 36] fejn qal li li hu jbiegh il-haxix ir-Rabat bl-ewwel trakk kif wiehed jitla mill-*playing field* fuq ix-xellug. Ftakar li kien sehh incident vicin fejn jarma hu fix-xahar ta' Novembru 2006. Qal li Maria Attard kienet marret tixtri minghandu u wara telqet 'l hemm u hu kompla jaqdi lin-

nies u wara ftit sekondi sema' hoss w ghajta u telaq jigri lejn karozza fejn sab li din kellha saqajha taht din il-karozza.

Qal li Maria Attard kienet diga' qasmet it-triq, kienet fuq in-naha tax-xellug. Qal li l-habta 'n kwistjoni saret vicin hafna tal-*parking* tad-*disabled*, fil-fatt meta ra lil Maria kienet qed izzomm mal-*pushchair* u qaltlu li ma setghetx tkompli zzomm il-*pushchair*, w ghalhekk hu nehhilha l-*pushchair* minn idejha u poggejtha ma' l-art. Qal li tal-karozza ma rahx jipparkja mkien u kull ma jaf hu li telaq minn fuq il-post.

Illi nhar l-ghoxrin ta' Settembru 2007 **xehed l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** [fol 42] fejn qal li dakinhar tal-incident hu kien gej mid-direzzjoni ta' Putirjal, diehel ghal *playing field* li hemm r-Rabat peress li kellu l-intenzjoni li jmur jipparkja. Qal li tela' t-telgha w ghen il-karozza farka. Spjega li minn quddiemu dak il-hin ghaddiet mara li ma kienetx qed tara, qabdet u qasmet u laqatha. Qal li nduna li kien laqatha, hekk kif laqatha fuq in-naha ta' quddiem fuq il-lemin u laqatha meta kienet gia qasmet. Qal li wara li laqatha, baqa ghaddej u mar jipparkja n'naha t'isfel u meta mar jara x'kien gara, hi kienet lahqet telqet.

Mistoqsi jekk semghax xi ghajjat, l-imputat wiegeb fl-affermettiv. Spjega li l-ewwel darba li ra lil Maria Attard, kienet boghod minnu xi tlett piedi u matul din d-distanza hi lahqet ghaddiet minn quddiemu minn naha tal-lemin ghax-xellug u laqatha fuq il-lemin. Qal li l-vittma kienet miexja bil-mod. Qal li hu raha taqsam t-triq pero l-karozza riedet ftit ghajnuna ghat-telgha u fil-fatt ra nies ohra ghaddejja u baqa ghaddej. Qal li kien konxju li fil-*pushchair* Maria Attard kellha wkoll tarbija u meta din intlaqtet l-*pushchair* kienet ghadha f'idejha u hu fil-fatt anke l-*pushchair* laqat. Cahad dak suggerit lilu li l-vittma mbuttat l-*pushchair* lil hinn biex ma tintlaqatx ghaliex hu fil-fatt anke l-*pushchair* laqat. Qal li Maria Attard kienet qed taqsam min naha tal-haxix ghal hajt ghaliex raha pero hi ma bdietx tara x'karozzi kienu gejjin, baqghet thares lura u taqsam.

Qal li waqaf ghaliex gibditlu l-attenzjoni martu izda f'dak l-hin Maria Attard kienet diga waqghet mal-art. Ex admissis jghid 'kien aktar importanti li nsib parking milli nieqaf nara x'gralha din il-mara.' Qal li ma kienx jaf x'hin Maria Attard telqet minn fuq il-post pero meta wasal hu fuq il-post wara l-incident, kollox kien *clear*. Qal li ma kienx jaf li hi ttiehdet l-isptar bl-ambulanza u fil-fatt kienu l-pulizija li baghtu ghalih mhux hu mar jaghmel rapport.

Illi nhar l-wiehed u tletin ta' Jannar 2008 **xehed in kontro ezami Dottor Joseph Farrugia** [fol 48] fejn qal li l-ġrieħi li kellha Maria Attard kienu n-naħa ta' barra tan-*knee joint* ta' l-irkoppa tan-naħa tal-lemin, indikazzjoni li xi ħaġa ħabtet magħha mill-ġenb, għaliex kellha l-ksur. Qal li Maria Attard fil-fatt kienet ġiet operata mill-Orthopaedic Surgeon Raymond Aquilina.

Illi nhar l-wiehed u tletin ta' Jannar 2008 **xehed PS 261 Raymond Caruana** [fol 47] in kontr'ezami, fejn qal li mill-investigazzjoni li għamel irriżultalu li Maria Attard kienet taqsam min-naħa tax-xellug għan-naħa tal-lemin u ċioé minn ħdejn tal-ħaxix għall-faċċata. Stqarr li *zebra crossing* hemmhekk m'hemmx u li min ikun ġej bil-karrozza jista' jara din il-mara taqsam il-pożizzjoni fejn kienet. Qal li min ikun qed jaqsam ikun qed jara l-vetturi ġejjin.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Illi l-akkuza principali mressqa kontra l-imputat, hija dik li jiddisponi l-artikolu 226 tal-Kodici Kriminali, li jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li tipprova li l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolament jew regolamenti tat-traffiku meta tajjar jew laqat lil Maria Attard fic-cirkostanzi msemmija fl-akkuza w ikkagunalha feriti ta' natura gravi.

Illi jirrizulta bic-car minn dak li qal l-imputat stess, li huwa ra lil vittma taqsam t-triq minn quddiemu, timbotta *pushchair*, izda dan nonostante,dehrlu li kellu jkompli jsuq biex isib fejn jipparkja l-vettura gewwa l-*parking area*.

Ghalhekk kien konxju mill-ambjent f'dak l-hin partikolari tal-gurnata bi triq bin-nies fiha jixtru minghand tal-haxix fejn del resto kienet l-vittma Maria Attard. Huwa ghalhekk kellu l-obbligu li juza d-diligenza necessarja u cioe dak ta' *proper lookout* fi grad aktar minn dak normali ghal dak li kien qed jigri madwaru.

Huwa dejjem l-obbligu ta' kull sewwieq ta' vettura li, fi kwalunkwe kaz, dejjem u f'kull hin, izomm *a proper lookout* ghal dak kollu li hu prevedibbli sabiex jigi evidat kull incident. Ma hemmx dubbju li l-imputat kien ra lil Maria Attard qabel l-incident w ghalhekk din ic-cirkostanza titlob kjarament livell gholi ta' sewqan diligenti, prudenti w attenzjoni kontinwa. Li sewwieq izomm *a proper lookout* ifisser li jara dak kollu li qed jigri madwaru, fuq kull naha tieghu u fil-vicinanzi tieghu u dan sabiex dejjem jevita dak li hu facilment prevedibbli bhal ma kien l-incident fil-kaz presenti.

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Leonard Grech** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Settembru, 1990***, il-Qorti dahlet fid-dettal dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kawzi.

"In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, it-trepod tal-kolpa gie definit bhala:

*1. la volontarieta dell'atto;*
*2 la mancata previsione dell'effetto nocivo; u*
*3 la possibilita di prevedere.*"

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-***sentenza moghtija minnha fl-ismijiet*** **Il-Pulizija v Carlo Seychell** ***nhar l-hmistax ta' Novembru 2000, kif konfermata fl-Appell nhar s-sitta ta' Gunju 2001,*** fejn din il-Qorti iccitat sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet*** **Il-Pulizija v Joseph Thornton** ***deciza nhar t-tmintax ta' Marzu 1961*** dwar r-responsabilita ta' driver:

*"Driver ta' vettura tal-mutur ghandu d-dover li jistenna li fi trieqtu jistghu jinzertaw nies li minhabba l-eta taghhom,*

*jew ghal xi raguni ohra ma jkollhom la dik c-celerita ta' percezzjoni, la dik il-prontezza ta' decizjoni u lanqas dik l-isveltezza ta' movimenti li jehtiegu c-cirkostanzi mprovizi.*

*Il-pedestrian ghandu l-fakulta li f'xi hin jaqsam t-triq, meta jkun hemm bzonn, u meta jkun il-waqt, u kwindi d-driver ghandu joqghod attent u jipprevedi li jista jigi konfrontat bil-fatt ta' pedestrian li jaqsam t-triq fil-karreggjata li jkun fiha dak d-driver. Jekk pedestrian ma jaghmel ebda att li bih jqieghed l-awtista fi stat ta' sinistru inevitabbli, bhal meta jaqsam f'daqqa u jissorprendi lil konducent, jew jaghmel xi moviment insolitu w inaspettat u johloq emergenza subitanea, d-driver ma jistax jallega b'difiza tieghu jekk jigi f'kollizzjoni ma dak il-pedestrian l-fatt li dan kien fil-karreggjata.*"

Huwa hawn opportun dak li gara f'dan il-kaz ghaliex il-vittma veru kienet fil-karreggjata pero mhux b'kapricc, imma ghaliex kienet qed taqsam t-triq b'*puschair* bin-nies jixtru minghand tal-haxix w ghalhekk is-sewwieq kellu l-obbligu fuqu li jzomm *a proper lookout* ta' dak kollu li kien ghaddej madwaru.

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizja v Marthese Schembri** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Krminali nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Awissu, 1990,*** l-istess Qorti qalet li:

"*Dak li jikkostitwixxi proper lookout jvarja minn kaz ghal iehor. Imma l-principju generali huwa wiehed. Sewwieq ghandu jkun f'posizzjoni li jirreagixxi ghal azzjoni jew agir sorprendenti li jista jitfacca fit-triq. Dan hu dettat mill-prudenza u l-ligi.*"

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Tanya Sacco** deciza mill-***Qorti tal-Appell fis-sebgha w ghoxrin ta' Novembru, 1986*** dik l-Qorti qalet:

*"Anke jekk persuna ghandha d-dritt xorta wahda ghandha zzomm a proper lookout ghal kull incident li jista jkun immedjatament prevedibbli biex dan jigi evitat."*
F'dan il-kaz, l-incident setgha kien prevedibbli minhabba l-fatt lil-imputat ra lil vittma qabel ma tajjarha.

Il-kuncett ta' *proper lookout* gie eleborat ahjar fis-sentenza tal-Qrati Inglizi ***Newhaus N.D. v Bastion Insurance Co. Limited (1968)*** fejn gie rilevat li:

"*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead, it includes awareness of what is happenning in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well.*"

L-imputat qal li kellu vizwali tajba tat-triq pero kien mohhu sabiex isib *parking* u tant kien mohhu fl-arja li lanqas induna meta tajjar lil Maria Attard u kellha tkun martu li attiratlu l-attenzjni li kien tajjar bniedem u dan nonostante, baqa' sejjer fi triqtu sabiex isib jipparkja.

Illi l-imputat ma waqafx mal-habta, nonostante li kien jaf li tajjar bniedem.

Is-sewqan tieghu kien wiehed perikoluz.

Kif gie deciz fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta ta' Mejju, 1997*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Alfred Mifsud,** il-Qorti enuncjat t-tifsiriet li ghandhom jinghataw lil kull tip ta' sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju:

"***Sewqan perikoluz*** *[dangerous driving] jirrikjedi li fil-kaz partikolari, s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghal proprjeta taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kien hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin w il-lokalita tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. ……..*"
(***vide Il-Pulizija v Charlotte Chamberlain, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Mejju, 1950***). "

Illi ghalhekk, fid-dawl ta' dak li ntqal aktar 'l fuq u mill-provi prodotti, **l-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-

artikoli 225, 226(1)(b) tal-Kap 9, l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 67 tal-MVR, **tiddikjara li qed issib lil imputat PAUL SULTANA hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal hlas ta’ multa ta’ elf mija hamsa w sittin (1165) Euro.**

**Oltre dan ai termini tal-artikolu 15(2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat ghal perjodu ta' tlett (3) xhur mill-lum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------